

Brussell, 12 ta' Ġunju 2025  
(OR. en)

9897/25

ENFOPOL 191  
CRIMORG 99  
DROIPEN 63  
COPEN 167  
COSI 110  
FREMP 154  
SOC 376  
EMPL 246  
CYBER 159  
RELEX 711  
MIGR 199  
JAIEX 55  
JAI 773

#### **EŻITU TAL-PROCĊEDIMENTI**

---

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill

fi: 12 ta' Ġunju 2025

lil: Delegazzjonijiet

---

Nru. dok. preċ.: 8724/25

---

Suġġett: Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin, b'attenzjoni partikolari għas-sitwazzjoni relatata mal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna u l-protezzjoni tal-minorenni  
- Konklużjonijiet tal-Kunsill (12 ta' Ġunju 2025)

---

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin, b'attenzjoni partikolari għas-sitwazzjoni relatata mal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna u l-protezzjoni tal-minorenni, approvati mill-Kunsill (Ġustizzja u Affarijiet Interni) fl-4102 laqgħa tiegħu li saret fit-12 ta' Ġunju 2025.

## Konklużjonijiet tal-Kunsill

dwar il-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin, b'attenzjoni partikolari għas-sitwazzjoni relatata mal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna u l-protezzjoni tal-minorenni

### Introduzzjoni

- a) It-traffikar tal-bnedmin għadu wieħed mill-aktar theddidiet serji għas-sigurtà u d-drittijiet tal-bniedem fl-Unjoni Ewropea u huwa ksur serju tad-drittijiet fundamentali.
- b) Id-Direttiva tal-UE Kontra t-Traffikar<sup>1</sup> hija l-istrument legali ewlieni tal-UE għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin u l-protezzjoni tal-vittmi tiegħu. Id-Direttiva ġiet emendata fl-2024 biex issaħħaħ il-ġlieda kontra dan ir-reat (id-'Direttiva riveduta tal-UE Kontra t-Traffikar')<sup>2</sup>. Ir-regoli l-ġodda jkopru b'mod espliċitu forom ġodda ta' sfruttament, inkluż dawk li jseħħu online, jiżguraw id-detezzjoni bikrija tal-vittmi u jiggarrantixxu livell oġhla ta' assistenza u appoġġ lill-vittmi f'konformità mal-Artikolu 11 tad-Direttiva riveduta tal-UE Kontra t-Traffikar.
- c) L-Istrateġija tal-UE dwar il-Ġlieda kontra t-Traffikar tal-Bnedmin 2021–2025 (l-'Istrateġija tal-UE')<sup>3</sup> inħarġet mill-Kummissjoni f'April 2021. Hija tipprevedi rispons komprensiv għall-prevenzjoni tar-reat, il-protezzjoni u l-ġhota tas-setgħa lill-vittmi u t-tressiq tat-traffikanti quddiem il-ġustizzja. Din l-istrateġija hija marbuta mill-qrib mal-Istrateġija tal-UE biex tiġi miġġielda l-Kriminalità Organizzata<sup>4</sup> peress li t-traffikar tal-bnedmin jista' jitwettaq minn gruppi tal-kriminalità organizzata.

---

<sup>1</sup> Id-Direttiva 2011/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' April 2011 dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin u l-protezzjoni tal-vittmi tiegħu, u li tissostitwixxi d-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2002/629/ĠAI, ĠU L 101, 15.4.2011, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2011/36/oj>.

<sup>2</sup> Id-Direttiva (UE) 2024/1712 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2024 li temenda d-Direttiva 2011/36/UE dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin u l-protezzjoni tal-vittmi tiegħu, ĠU L, 2024/1712, 24.6.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2024/1712/oj>.

<sup>3</sup> 8090/21.

<sup>4</sup> Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-Istrateġija tal-UE biex tiġi miġġielda l-Kriminalità Organizzata 2021-2025, COM(2021) 170 final (2021), <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=celex:52021DC0170>.

- d) Mill-2022, il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna u kunflitti armati oħra fir-reġjuni ġirien tal-UE żiedu r-riskju tat-traffikar tal-bnedmin fost il-persuni li jfittxu protezzjoni internazzjonali u l-persuni spostati, inkluż nisa u tfal. Il-Pjan Komuni Kontra t-Traffikar<sup>5</sup> u l-attivazzjoni tad-Direttiva dwar il-Protezzjoni Temporanja<sup>6</sup> naqqsu b'mod konsiderevoli l-vulnerabbiltajiet ta' dawk li qed jaħrabu mill-invażjoni tal-Ukrajna mir-Russja. L-applikazzjoni tad-Direttiva dwar il-Protezzjoni Temporanja ġiet estiża sa Marzu 2026<sup>7</sup>.
- e) Il-Pjattaforma Multidixxiplinari Ewropea Kontra t-Theddid Kriminali (EMPACT) hija għodda ewlenija ta' kooperazzjoni Ewropea għall-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin, li hija waħda mill-prijoritajiet kriminali tal-UE taç-ċiklu attwali tal-EMPACT (2022–2025)<sup>8</sup>. Il-Pjan ta' Azzjoni Operazzjonali rilevanti tal-EMPACT għandu l-għan li jfixxkel in-networks kriminali involuti fit-traffikar tal-bnedmin għall-forom kollha ta' sfruttament, b'enfasi speċjali fuq dawk li jisfruttaw il-minorenni<sup>9</sup>.
- f) Fir-rigward tal-kooperazzjoni internazzjonali, il-Protokoll tan-Nazzjonijiet Uniti tal-2000 għall-Prevenzjoni, Soppresjoni u Punizzjoni tat-Traffikar ta' Persuni, speċjalment ta' Nisa u Tfal, li jissupplementa l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti Kontra l-Kriminalità Organizzata Tranżnazzjonali<sup>10</sup>, u l-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa tal-2005 dwar il-Ġlieda kontra t-Traffikar tal-Bnedmin<sup>11</sup> huma passi kruċjali fil-proċess tat-titjib tal-kooperazzjoni internazzjonali kontra t-traffikar tal-bnedmin.

---

<sup>5</sup> Il-Kummissjoni Ewropea, Pjan Komuni Kontra t-Traffikar biex jiġu indirizzati r-riskji tat-traffikar tal-bnedmin u jingħata appoġġ lill-vittmi potenzjali fost in-nies spostati mill-gwerra fl-Ukrajna, 11 ta' Mejju 2022, [https://home-affairs.ec.europa.eu/system/files/2022-05/Anti-Trafficking%20Plan\\_en.pdf](https://home-affairs.ec.europa.eu/system/files/2022-05/Anti-Trafficking%20Plan_en.pdf).

<sup>6</sup> Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2022/382 tal-4 ta' Marzu 2022 li tistabbilixxi l-eżistenza ta' influż bil-massa ta' persuni spostati mill-Ukrajna skont it-tifsira tal-Artikolu 5 tad-Direttiva 2001/55/KE, u li għandha l-effett li tintroduċi protezzjoni temporanja, ĠU L 71, 4.3.2022, ELI: [http://data.europa.eu/eli/dec\\_impl/2022/382/oj](http://data.europa.eu/eli/dec_impl/2022/382/oj).

<sup>7</sup> Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2024/1836 tal-25 ta' Ġunju 2024 li testendi l-protezzjoni temporanja kif introdotta bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/382, ĠU L, 2024/1836, ELI: [http://data.europa.eu/eli/dec\\_impl/2024/1836/oj](http://data.europa.eu/eli/dec_impl/2024/1836/oj).

<sup>8</sup> 7101/23.

<sup>9</sup> 7101/23.

<sup>10</sup> Ir-riżoluzzjonijiet 55/25 u 55/255 tal-Assemblea Ġenerali tan-NU li jadottaw il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti kontra l-Kriminalità Organizzata Tranżnazzjonali (UNTOC) u l-Protokoll tagħha, 15.11.2000.

<sup>11</sup> CETS No. 197 tas-16.05.2005, <https://rm.coe.int/168008371d>.

- g) Fil-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin, bl-appoġġ tal-Koordinatur tal-UE Kontra t-Traffikar, għandu jsir użu sħiħ mill-istrumenti rilevanti eżistenti kollha, inkluż l-Istrateġija tal-UE dwar il-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin 2021–2025 u tal-konklużjonijiet preċedenti tal-Kunsill<sup>12</sup>. Huma meħtieġa sforzi u miżuri addizzjonali fil-livell tal-UE u dak nazzjonali biex din il-kriminalità tiġi miġġielda b'mod effettiv.

### **Kunsiderazzjonijiet ġenerali**

1. Il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin, kif ukoll l-assistenza u l-appoġġ lill-vittmi kollha tat-traffikar, jibqgħu prijorità għall-Unjoni u l-Istati Membri.
2. It-traffikar tal-bnedmin, inkluż l-isfruttament sesswali tat-tfal online u offline, għandu impatt profond fuq is-soċjetajiet u l-ekonomiji tal-Istati Membri tal-UE.
3. Kien hemm żieda sinifikanti fl-għadd ta' vittmi tat-traffikar tal-bnedmin fl-Unjoni Ewropea. Bejn l-2021 u l-2022, l-għadd ta' vittmi rreġistrati tat-traffikar tal-bnedmin fl-UE żdied b'20.5 % meta mqabbel mal-perjodu 2019-2020<sup>13</sup>. Iż-żieda fid-detezzjoni tal-vittmi x'aktarx li hija wkoll ir-riżultat ta' sforzi intensifikati mill-korpi u l-aġenziji nazzjonali rilevanti, b'mod partikolari l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, għad-detezzjoni u l-identifikazzjoni bikrin tal-vittmi.
4. It-tfal huma wieħed mill-gruppi l-aktar vulnerabbli fil-mira tal-organizzazzjonijiet kriminali involuti fit-traffikar tal-bnedmin. Dawn l-organizzazzjonijiet kriminali sikwit jisfruttaw lit-tfal billi jirreklutawhom u mbaġħad jużawhom biex iwettqu attivitajiet kriminali jew iġegħluhom jidħlu fi żwieġ\_furzat jew ikunu vittmi ta' sfruttament sesswali. Fl-2021-2022, 81 % tal-vittmi tfal kienu ċittadini tal-UE (2 401 minorenni). Il-vittmi tfal kienu jikkostitwixxu kważi wieħed minn kull ħames vittmi rreġistrati kollha fl-UE (19 %)<sup>14</sup>. Id-diġitalizzazzjoni wasslet għal żieda inkwetanti ta' każijiet ta' sfruttament sesswali ta' minorenni li jwassal għat-traffikar<sup>15</sup>.

---

<sup>12</sup> Bħad-dokumenti 11838/6/12 u 10024/22.

<sup>13</sup> 5728/25.

<sup>14</sup> Ara n-nota 13 f'qiegħ il-paġna.

<sup>15</sup> Ara n-nota 13 f'qiegħ il-paġna.

5. Fl-UE, l-isfruttament identifikat ta' ħaddiema żdied b' 51 % fl-2021–2022 meta mqabbel mal-2019–2020, filwaqt li fl-2022 il-proporzjonijiet tal-isfruttament sesswali u l-isfruttament ta' ħaddiema kienu indaqs (41 %). In-nazzjonalità u l-profil tal-vittmi jiddependu ħafna mis-settur tal-isfruttament. Ir-reklutaġġ sikwit isir online permezz ta' reklami qarrieqa għal impjiegi u wegħdjet frodulent i ta' permess. L-istruttura tal-orijini tal-vittmi qed tinbidel, b'għadd dejjem jikber ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi (54 % tal-vittmi rreġistrati)<sup>16</sup>. Dan jissottolinja n-natura transfruntiera u internazzjonali tal-fenomen u l-importanza kbira li jiġu żgurati l-għodod xierqa għall-protezzjoni tal-vittmi abbażi tal-approċċ ta' rotta sħiħa.
6. Il-migranti li jiġu minn barra l-UE, inkluż mill-pajjiżi tal-Amerka Latina u Afrikani u Asjatiċi, huma friskju partikolari li jsiru vittmi tat-traffikar. Sikwit isibu ruħhom f'sitwazzjonijiet vulnerabbli meta jfittxu impjieg fl-UE, u b'hekk ikunu aktar suxxettibbli għax-xogħol furzat, l-isfruttament tal-ħaddiema u l-isfruttament sesswali.
7. Il-kunflitti armati wasslu għal żieda fl-għadd ta' persuni li jfittxu protezzjoni internazzjonali fl-UE, filwaqt li l-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna kkontribwiet b'mod sinifikanti għal din iż-żieda billi żiedet l-għadd ta' benefiċjarji tad-Direttiva dwar il-Protezzjoni Temporanja (TPD). Il-persuni li jfittxu protezzjoni internazzjonali u l-benefiċjarji tat-TPD, inkluż nisa u tfal, qed jiffaċċjaw diversi riskji ta' sfruttament minħabba tbatija ekonomika u integrazzjoni limitata.
8. Qabel ma jiġu sfruttati jew ittraffikati miż-żoni ta' kunflitt armat, iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qed ifittxu protezzjoni internazzjonali għandhom mnejn ikunu saru vittmi ta' delitti internazzjonali ewlenin (eż. delitti tal-gwerra). Dan joħloq sfida addizzjonali għall-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u għudizzjarji fl-identifikazzjoni u l-prosekuzzjoni tal-awturi ta' diversi tipi ta' reati.
9. Xi pajjiżi tal-UE introduċew programmi ta' assistenza addizzjonali, iżda hemm hteġa urġenti għal aktar miżuri marbuta, pereżempju, ma' servizzi bażiċi, bħall-akkomodazzjoni, l-educazzjoni u l-kura tas-saħħa.

---

<sup>16</sup> Ara n-nota 13 f'qiegħ il-paġna.

10. L-ispazju diġitali (inkluż il-media soċjali, il-messaġġerija istantanja, il-portali għall-impjiegi) sar waħda mill-għodod ewlenin użati għar-reklutaġġ, l-isfruttament u l-kontroll tal-vittmi tat-traffikar tal-bnedmin jew biex dawn jiġu involuti bħala kollaboraturi f'tipi oħra ta' reati. Dan huwa partikolarment ta' periklu għall-minorenni u l-persuni f'pożizzjoni vulnerabbli.
11. Il-kriminali qed jużaw dejjem aktar kanali ta' komunikazzjoni kriptati u kriptovaluti li jagħmluha aktar diffiċli għall-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u ġudizzjarji biex jidentifikaw l-awturi tar-reati, jiżguraw l-evidenza rilevanti u jżarmaw in-networks kriminali.
12. B'reazzjoni għal din it-theddida dejjem tikber, qed jiġu żviluppati għodod analitiċi, inkluż dawk ibbażati fuq l-intelliġenza artifiċjali, biex jappoġġaw il-monitoraġġ u d-detezzjoni ta' attività kriminali fuq l-internet.
13. Azzjoni konġunta u kkoordinata, u l-armonizzazzjoni tad-definizzjonijiet u l-proċeduri huma kruċjali biex it-traffikar transfruntier tal-bnedmin jiġi miġġieled b'mod effettiv.

#### **Il-Kunsill jistieden lill-Istati Membri:**

14. Jippromwovu, mingħajr preġudizzju għall-indipendenza tal-ġudikatura, koordinazzjoni aktar mill-qrib bejn l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u ġudizzjarji, kif ukoll mal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u l-partijiet privati, bħall-pjattaformi online u l-operaturi tan-networks, għad-detezzjoni, l-identifikazzjoni u t-twaqqif bikrin tal-attivitajiet tat-traffikar tal-bnedmin, b'enfasi fuq ir-reklutaġġ u l-isfruttament online; kif ukoll, jidentifikaw u jillocalizzaw il-vittmi li setgħu esperjenzaw jew kienu xhieda ta' delitti internazzjonali ewlenin (eż. delitti tal-gwerra), bil-ħsieb li tiġi ppreservata l-informazzjoni li jista' jkollhom.
15. Jippromwovu l-kooperazzjoni bejn l-aġenziji mal-isperturi tax-xogħol, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u awtoritajiet oħra fil-livell nazzjonali biex jidentifikaw u jassistu lill-vittmi f'approċċ iċċentrat fuq il-vittmi, jevitaw il-vittimizazzjoni sekondarja u jużaw approċċi amministrattivi b'mod attiv.
16. Jippromwovu l-użu tal-għodod li l-aġenziji tal-UE, inkluż l-Europol, il-Eurojust, il-Frontex u s-CEPOL, kif ukoll organizzazzjonijiet internazzjonali oħra, inkluż l-Interpol, jkunu għamli disponibbli għall-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin.

17. Jippromwovu l-iżvilupp ta' sħubijiet pubbliċi-privati (inkluż ma' pjattaformi online u operaturi tan-networks) biex joħolqu u jimplementaw għodod effettivi għall-identifikazzjoni, ir-rapportar, il-prevenzjoni u t-tfixkil tal-attivitajiet (online u offline) tat-traffikar tal-bnedmin.
18. Ikomplu jappoġġaw il-kooperazzjoni fost l-Istati Membri u mal-aġenziji tal-UE fil-kuntest tal-EMPACT fil-qasam tat-traffikar tal-bnedmin.
19. Ikomplu jissorveljaw mill-qrib iż-żoni tal-fruntiera u jwettqu attivitajiet bil-għan li jsaħħu l-miżuri protettivi fl-ambjenti ta' akkoljenza, inkluż il-prevenzjoni tat-traffikar tal-bnedmin, l-identifikazzjoni tal-vittmi u l-protezzjoni ta' persuni vulnerabbli, f'kooperazzjoni, fejn meħtieġ, mal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u l-organizzazzjonijiet internazzjonali.
20. Jiżguraw li l-vittmi tat-traffikar tal-bnedmin jirċievu protezzjoni xierqa f'approċċ iċċentrat fuq il-vittmi, inkluż billi jkollhom aċċess, fejn xieraq, għal programmi ta' protezzjoni tax-xhieda jew miżuri simili oħra, u billi jevitaw il-vittimizazzjoni sekondarja.

## **II-Kunsill jistieden lill-Kummissjoni:**

21. Tniedi f'waqtu ċ-Ċentru Kontra t-Traffikar, li ser jappoġġa lill-Istati Membri fl-implimentazzjoni tad-Direttiva riveduta tal-UE Kontra t-Traffikar u l-Istrateġija tal-UE, billi jiżviluppa linji gwida, jiffaċilita l-iskambju tal-aħjar prattiki, irawwem djalogu fost il-professionisti tal-ġlieda kontra t-traffikar u jsaħħaħ il-kooperazzjoni.
22. Tappoġġa lill-Istati Membri fl-introduzzjoni ta' programmi mmirati ta' prevenzjoni u appoġġ marbuta mat-traffikar tal-bnedmin, b'mod partikolari nisa u tfal, inkluż, iżda mhux limitat għal, dawk li qed jaħarbu mill-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna.
23. Issaħħaħ il-kooperazzjoni transfruntiera u s-sħubijiet ma' pajjiżi terzi, speċjalment pajjiżi ta' oriġini u ta' tranżitu għat-traffikar, permezz ta' inizzjattivi konġunti ta' prevenzjoni u investigazzjoni, biex jiġu indirizzati u miġġielda n-networks tranżnazzjonali tat-traffikar.
24. Tinkoraġġixxi l-użu ta' sorsi ta' finanzjament u programmi disponibbli fl-UE għall-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin, b'enfasi partikolari fuq l-EMPACT u l-identifikazzjoni bikrija tal-vittmi u r-riferiment tagħhom għal servizzi speċjalizzati.

25. Tieġu kont ta' dawn il-Konklużjonijiet meta tiżviluppa l-Istrateġija tal-UE dwar il-Ġlieda kontra t-Traffikar tal-Bnedmin 2026–2029 biex tindirizza l-isfidi emerġenti u tidderieġi l-prijoritajiet il-ġodda b'mod koerenti.
26. Tjipromwovi, bl-appoġġ tal-Koordinatur tal-UE Kontra t-Traffikar, l-iskambju ta' informazzjoni u l-aġjar prattiki mal-koordinaturi nazzjonali kontra t-traffikar u r-relaturi nazzjonali, l-Aġenziji tal-UE, kif ukoll ma' organizzazzjonijiet internazzjonali kompetenti oħra.
27. Tikkoopera mal-Istati Membri fit-tisħiħ tal-akkontabbiltà tas-settur privat, inkluż fil-Forum tal-UE dwar l-Internet, fir-rigward tal-isfruttament ta' ħaddiema jew forom oħra ta' sfruttament, kif ukoll attivitajiet oħra li jistgħu possibbilment jaggravaw il-fenomeni tat-traffikar tal-bnedmin.

**Il-Kunsill jistieden lill-Europol, il-Eurojust, il-Frontex u s-CEPOL, fil-mandat tagħhom,:**

28. Isaħħu l-għarfien espert tal-Istati Membri, inkluż it-taħriġ, u jrawmu l-iskambju tal-aġjar prattiki bejniethom biex jidentifikaw aġjar ir-reati tat-traffikar tal-bnedmin fiċ-ċiberspazju, il-vittmi potenzjali u l-awturi tar-reati.
29. Jjipromwovu l-użu estensiv tal-għodod li huma għamli disponibbli fil-qasam tal-infurzar tal-liġi u l-kooperazzjoni ġudizzjarja, l-iskambju ta' informazzjoni, l-analiżi kriminali u t-tisħiħ tal-kapaċitajiet.
30. Irawmu l-kooperazzjoni mas-settur privat u jipromwovu l-iżvilupp ta' sħubijiet pubbliċi-privati, inkluż fis-setturi tal-IT u tat-telekomunikazzjoni, jiżviluppaw għodod għall-analiżi tad-data, inkluż dawk ibbażati fuq l-IA, u joħolqu mekkaniżmi għad-detezzjoni, l-identifikazzjoni u t-twaqqif bikrin tal-attivitajiet tat-traffikar u jirrapportaw malajr kwalunkwe attività suspettuża.